**KULLEĠĠ SAN INJAZJU**
**Skola Sekondarja tal-Ħandaq, ĦAL QORMI**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2014-2015**

# MALTI (IL-QARI U L-KITBA)

**ROTTA: CCP FORM: 4 ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

ISEM: ______________________________ NRU TAL-INDIĊI: ___________

KLASSI: ______________________________ MARKA: ___________________

GĦALLIEM/A:____________________________________________________

| Assessjar formattiv | Taħdit u Smigħ | Qari | Kitba | Letteratura | Proġett | Fehim mis-Smigħ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 60 |
| | | | | | | | |

| Assessjar summattiv | Fehim mill-qari | Grammatika | Kitba Funzjonali | Kitba Libera | Total | Total aħħari |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 10 | 10 | 10 | 10 | 40 | 100 |
| | | | | | | |

## Taqsima A: Fehim mill-Qari (10 marki)

**Aqra l-istorja li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

## <u>IL-ĠRAJJA TAS-SIĠĠU</u>



Xi darba jien kont siġġu speċjali magħmul mill-injam. Għandi d-dirgħajn bħal ta' pultruna. Kull min kien ipoġġi bilqiegħda fuqi kien jibda jitbandal għax ma saqajja kelli bħal nofs qamar. *(par.1)*

Niftakar fil-foresti, fl-għasafar, fir-riħ ivenven u fir-riħa qawwija ta' ħamrija mxarrba. *(par.2)*

Niftakar ċar l-ewwel dar li għext fiha. Kont f'kamra pulita fejn kollox kien riħa ta' sapun, b'għamara mimlija tvalji u fuqhom važetti tal-ħġieġ. Hemm għext għal ħafna snin. Kont is-siġġu favorit ta' Margerit. *(par.3)*

Dik il-ħabta Margerit kienet ġa xiħa ġmielha u miegħi kienet tqatta' s-sigħat dejjem taħdem is-suf. Kont nistkanta kif Margerit kellha subgħajha daqstant ħfief. Jien kont noqgħod inbandalha bil-ħlewwa filwaqt li hi kienet toqgħod tagħmel il-flokkijiet bil-kobob tas-suf. *(par.4)*

Malli Margerit terfa' l-kobob tas-suf u titlaq minn ħdejja, minnufih kien jitfaċċa Qoton u jaqbeż għal fuqi. Dejjem kien jirnexxilu jaħsadni u jien kont inbandlu bir-rabja u nhedded li naqilbu. Imma Qoton kien jitkebbeb fuq l-imħadda ta' Margerit u jorqod. Konna nqattgħu nofstanhari sħaħ flimkien. Darba Margerit għal ftit ma poġġietx fuqu! *(par. 5)*

Imma dawn il-ġrajjiet ilhom ftit. Issa ninsab f'din il-kamra mimlija imbarazz u trab. M'għadnix nitbandal bħal qabel għax iż-żewġ saqajn tal-lemin inkisru snin ilu u hekk baqgħu. Qed nimtela wkoll kollni toqob irqaq. Ma nafx x'għad isir minni. Kull meta niftakar f'Margerit inħoss weġgħa kbira. O kemm nimmisjaha lil Gerit tiegħi! *(par. 6)*

(Addattata minn *Kaledoskopju 5*)

**1. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq is-silta. (5 marki)**

a. X'inhi l-aktar ħaġa li jiftakarha ċara s-siġġu? *(par. 3)*

| |
|---|
| |

b. Kif kienet il-kamra li kien għex fiha? *(par. 3)*

| |
|---|
| |

ċ. Taħseb li Margerit kienet għadha żgħira? Għaliex? *(par. 4)*

d. X'kienet tħobb tagħmel Margerit? *(par. 5)*

e. Għalfejn is-siġġu m'għadux jitbandal bħal qabel? *(par. 6)*

**2. Aqta' linja taħt Veru jew Falz.** **(5 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Is-siġġu għadu jiftakar fil-foresti, fl-għasafar, fir-riħ u fil-ħamrija mxarrba. | Veru | Falz |
| 2. | Margerit kienet tagħmel il-qliezet bil-kobob tas-suf. | Veru | Falz |
| 3. | Is-siġġu ma tantx kien jieħu pjaċir b'Qoton. | Veru | Falz |
| 4 | Il-ġrajjiet li qed jitkellem fuqhom is-siġġu kienu ilhom ftit li seħħew. | Veru | Falz |
| 5. | Is-siġġu kien magħmul mid-drapp. | Veru | Falz |

## Taqsima B: Grammatika (10 marki)

**1. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba. (2 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| a. | Kelli l-ġuħ u mort nieħu biċċa | ħobż tal-Malti. |
| | | ħops tal-Malti. |
| | | ħobs tal-Malti. |
| b. | Tgħidx kemm bkejt xħin | tħalt id-dar u kien dlam ċappa. |
| | | dħalt id-dar u kien dlam ċappa. |
| | | dtħalt id-dar u kien dlam ċappa. |

**2. Imla l-vojt bil-konsonanti jew il-vokali t-tajba. (4 marki)**

| | |
|---|---|
| a. | Jiena u sejra l-☐nisja rajt mara x☐ejħa miexja bil-bastun. |
| b. | Meta wasalna lura ☐alta ma stajtx insib il-bag☐lja. |
| ċ. | Kien bnazzi. Ix-☐emx kienet taħraq u ma kontx tista' tieħu r-☐uħ bis-sħana. |
| d. | Erfa' u ☐orr għal meta tiġi ☐żonn. |



3. **Oħroġ kelma minn dak li hemm fil-kolonna tal-ġenb. (4 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| a. | Fil-festa din is-sena rajt ħafna nies b'ilbies s__________. | aġġettiv minn **'sbuħija'** |
| b. | Il-kejk li għamlet ommi kien t______________ . | aġġettiv minn **'tjubija'** |
| ċ. | Sa s_________________ oħra nkun ilħaqt iżżewwiġt. | għadd imtenni minn **'sena'** |
| d. | Konna mexjin qalb siġar t____________ u folti. | aġġettiv minn **'tul'** |

## TAQSIMA Ċ. Kitba Funzjonali (10 marki)

- Ibgħat ittre lill-ħabib/a tiegħek biex tiftiehmu ħalli titilgħu sal-Belt nhar is-Sibt li ġej waranofsinhar. L-ittre trid tkun twila madwar 40 kelma.



## TAQSIMA D. Kitba Libera (10 marki)

- Il-ġimgħa li għaddiet mort ġurnata Għawdex mal-familja tiegħek. F'madwar 150 kelma, irrakkonta x'għamiltu. Tista' tuża l-kliem li hemm fil-kaxxi.




| | | | |
|---|---|---|---|
| karozza | vapur | baħar | suq |
| restorant | mistrieħ | kuġini | dlam |

______________________________________________________________

Tmiem il-Karta